**QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA))**

**IMHALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel., Mag. Jur. (Eur. Law)**

Illum 18 ta' Jannar, 2017

Fl-Atti tar-Rikors Guramentat numru : 85/16 AL

**AB**

- **vs –**

**Avukat Dr Christopher Chircop u l-PL Melissa Anastasi b'digriet tas-6 ta' Gunju 2016 gew nominati bhala Kuraturi Deputati biex jirraprezentaw lill-assenti CD.**

Il-Qorti:

Rat il-verbal ta' din il-Qorti tas-16 ta' Novembru 2016 fejn Dr Emy Bezzina ghall-attrici talab lill-Qorti li fid-dawl tax-xhieda illi ghadha kif iddeponiet l-attrici u fic-cirkostanzi kif fisrithom li hija trid tghajjex lilha innifisha u liz-zewg itfal bl-ispejjez kollha li hemm, li pendenti lite il-Qorti tordna it-terminazzjoni tal-komunjoni tal-akkwisti a bazi ta' Kapitolu 16 Artikolu 54 (4) tal-istess Kapitolu 16;

Rat ir-risposta tal-kuratur deputat Dr Christopher Chircop ghat-talba ta' A B ghat-terminazzjoni tal-komunjoni tal-akkwisti :

1. Illi l-esponent jiddikjara li f'dan l-istadju m'ghandux konoxxenza tal-fatti ta' dan il-kaz u ghaldaqstant jirrimetti ruhu ghad-decizjoni ta' din il-Qorti;
2. Illi izda jigi rilevat illi l-kawza ghadha fil-bidu taghha, u fil-fatt sal-gurnata tal-lum la inhatar perit legali u lanqas assistant gudizzjarju u konsegwentement ghadu ma nbediex il-gbir tal-provi fuq l-assi tal-komunjoni tal-akkwisti;
3. Illi l-esponent jhoss li qabel tigi milqugha t-talba attrici ghax-xoljiment tal-komunjoni, irid :
   a) Jigi kkwantifikat ezatt x'assi hemm u m'hemmx fil-komunjoni;
   b) Jigu vvalutati l-proprjetajiet tal-istess komunjoni;
   c) Jigi ddeterminat id-dhul kollu tal-komunjoni;
   d) Jigi ikkwantifikat x'dejn ghandhom il-partijiet u x'jehtieg li jigi imhallas;

Tant ghandu x'jissottometti l-esponenti a savju gudizzju ta' din il-Qorti;

Rat ir-risposta tal-kuratur deputat  l-Avukat Dottor Christopher Chircop ghat-talba ta' A B ghat-terminazzjoni tal-komunjoni tal-akkwisti li permezz taghha eccepixxa :

1. Illi l-esponent jiddikjara li f'dan l-istadju m'ghandux konoxxenza tal-fatti ta' dan il-kaz u ghaldaqstant jirrimetti ruhu ghad-decizjoni ta' din il-Qorti;
2. Illi izda jigi rilevat illi l-kawza ghadha fil-bidu taghha, u fil-fatt sal-gurnata tallum la inhatar perit legali u lanqas assistant gudizzjarju u konsegwentement ghadu ma nbediex il-gbir tal-provi fuq l-assi tal-komunjoni tal-akkwisti;
3. Illi l-esponent jhoss li qabel ma tigi milqugha t-talba attrici ghax-xoljiment tal-komunjoni, irid :
   a) Jigi kkwantifikat ezatt x'assi hemm u m'hemmx fil-komunjoni;

b) Jigu vvalutati l-propjetajiet tal-istess komunjoni
c) Jigi ddeterminat id-dhul kollu tal-komunjoni;
d) Jigi ikkwantifikat x'dejn ghandhom l-partijiet u x'jehtieg li jigi imhallas;

Tant ghandu x'jissottometti l-esponenti a savju gudizzju ta' din il-Qorti;

Rat illi l-kawza thalliet ghallum ghas-sentenza;

Rat il-provi prodotti sa dan l-istadju, minn fejn jirriżulta illi l-partijiet huma miżżewġin t-tnejn ta' nisel u nazzjonalita Iranjana. Huma żżewġu fl-Iran fis-26 ta' Marzu 1996[1], skont il-formalitajiet tal-liġi ta' dak il-pajjiż. Ma jirriżultax illi dan iż-żwieġ qatt ġie rreġistrat hawn Malta.

Illi wara diversi snin jgħixu f'diversi pajjiżi Ewropej fosthom il-Belġju, l-Olanda u l-Ingilterra, l-attriċi ddeċidiet illi tistabbilixxi ruħha hawn Malta. Effettivament hija ġiet tirrisjedi hawn Malta, minn fejn taħdem u tirrisjedi f'appartament mikri mingħand terzi. Ulied il-partijiet minuri, SD ta' 12-il sena u PD ta' 9 snin jirrisjedu hawn Malta mal-omm u jattendu skola hawn Malta.[2]

Il-konvenut, min-naħa tiegħu, qatt ma rrisjeda regolarment hawn Malta. Huwa dejjem kien hawn Malta għal ftit jiem biss biex jara lil martu u lil uliedu iżda ma jidhirx li qatt kellu l-fehma li jibqa' jgħix hawnhekk. Fil-fatt qatt ma ħadem hawn Malta. "*He never looked for a job in Malta. For a year, he was spending three weeks in England and a couple of days in Malta*..."[3] Il-permenanza tiegħu hawn Malta kienet biss għal ftit tal-jiem "*when he was in England he came to visit a couple of times*"[4]

[1] Ara d-dokument esebit fol. 19
[2] Ara l-affidavit tal-attriċi fol. 81
[3] Paragrafu 38 tal-affidavit tal-attriċi
[4] Paragrafu 41 tal-affidavit tal-attriċi

*"...when visiting Malta for a couple of days...*[5]" u mhux bl-iskop li jistabbilixxi ruħu hawn Malta.

*"What I know from B is that her husband was not very present in their life because* ***he was living abroad*** *and he used to come and* ***visit*** *them like every few months... I knew that she had asked him to come and live with them in Malta, but I don't know for what reason* ***that never happened****"*[6]

In vista ta' dan, jeħtieġ illi l-Qorti titratta l-kwistjoni tal-ġurisdizzjoni tagħha sabiex tiddeċiedi dwar iż-żwieġ u s-separazzjoni personali bejn il-konjuġi Moazen. Il-Qorti qed tissolleva *ex officio* l-eċċezzjoni dwar in-nuqqas ta' ġurisdizzjoni ta' din il-Qorti li tisma' kawża kontra persuna illi ma tinstabx hawn Malta. Dana l-Qorti tista' tagħmlu ai termini tal-Artikolu 774 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili[7], illi jipprovdi li:

***"Fin-nuqqas ta' eċċezzjoni ta' inkompetenza, il-qorti għandha, ex officio, tiddikjara l-inkompetenza tagħha - (a) meta l-kawża mhix ta' ġurisdizzjoni tal-qrati ta' kompetenza ċivili ta' Malta u l-konvenut jew ikun baqa' kontumaċi jew ikun assenti rappreżentat fil-kawża minn kuraturi maħtura skont l-artikolu 929;……."***

Artikolu 742 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili, illi jitratta l-ġurisdizzjoni tal-Qrati Maltin, jipprovdi illi:-

***(1) Bla ħsara ta' fejn il-liġi tiddisponi espressament xort'oħra, il-Qrati Ċivili ta' Malta mingħajr ebda distinzjoni jew privileġġ, għandhom ġurisdizzjoni biex jisimgħu u jiddeċiedu l-kawżi kollha li jirrigwardaw il-persuni hawn taħt imsemmija:***

---

[5] Paragrafu 44 tal-affidavit tal-attriċi

[6] Affidavit ta' Rositsa Decheva Ellul Sullivan, fol.123

[7] Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta

***(a) ċittadini ta' Malta, sakemm ma jkunux stabbilew id-domiċilju tagħhom band'oħra;***
***<u>(b) kull persuna, sakemm jew għandha d-domiċilju tagħha jew tkun toqgħod jew tkun qegħda Malta</u>;[8]***
***(ċ) kull persuna, f'kawża dwar ħwejjeġ li qegħdin jew li jinsabu f'Malta;***
***(d) kull persuna li tkun ikkuntrattat obbligazzjoni f'Malta, iżda għall-kawżi biss li għandhom x'jaqsmu ma' dik l-obbligazzjoni u kemm-il darba dik il-persuna tkun tinsab Malta;***
***(e) kull persuna illi, għalkemm tkun ikkuntrattat obbligazzjoni f'pajjiż ieħor, tkun ftehmet li għandha tesegwixxi dik l-obbligazzjoni f'Malta, jew tkun ikkuntrattat obbligazzjoni illi bilfors għandu jkollha effett f'Malta, kemm-il darba, f'kull każ, dik il-persuna tkun tinsab Malta;***
***(f) kull persuna, għal kull obbligazzjoni li tkun ikkuntrattat favur ċittadin ta' Malta jew persuna li tinsab Malta jew korp li jkollu personalità ġuridika distinta jew assoċjazzjoni ta' persuni inkorporati jew li jiffunzjonaw f'Malta, meta s-sentenza tista' tkun esegwita f'Malta;***
***(g) kull persuna li tkun b'mod espress jew taċitu volontarjament qagħdet jew qablet li toqgħod għall-ġurisdizzjoni tal-qorti."***

Il-Qorti trid tagħti interpretazzjoni tas-sub-inċiż 1(b) appena ċċitat, stante illi taħt dan is-sub-inċiż biss, il-Qorti jista' jkollha ġurisdizzjoni fuq il-konvenut. Meta l-liġi qed tgħid "kull persuna", dana jirreferi għall-konvenut, jew jista' jkun biss l-attur li jkollu d-domiċilju tiegħu hawn Malta, jew ikun joqgħod jew qiegħed hawn Malta?

Il-Qorti, f'dan l-istadju, qed tirreferi għall-insenjament tal-Qorti tal-Appell fil-kawża <u>Catharina Harvey vs. Dr. Peter Caruana</u>

[8] Enfasi tal-Qorti

Galizia noe.[9] fejn intqal: *"Din il-Qorti, anzi bil-maqlub ta' dak li ġie ritenut mill-ewwel Qorti, u s'hawn l-appellant għandu raġun fl-aggravju tiegħu, tirritjeni li meta fl-artikolu 742, tal-Kap. 12, il-liġi tirreferi għal "kull persuna" u tabbinaha, fost oħrajn, ma' mera presenza, [linja] hawn qegħda neċessarjament, tirreferi għall-presenza tal-parti konvenuta fuq il-prinċipju ta' "ubi te invenio, ibi te convenio". Diversament ikun tassew ifisser, kif tajjeb argomenta l-appellant, li jkun biżżejjed għall-parti attriċi li tkun jew tiġi Malta u tħarrek lil min trid indipendentement minn kull konsiderazzjoni oħra rigwardanti l-parti konvenuta – ħaġa dina li legalment hija inaċċettabbli.... una volta li jiġi suffiċjentement stabbilit li kien hemm presenza tal-parti konvenuta, allura dan ifisser li ġurisdizzjoni jkun hemm da parti ta' dik il-Qorti."*

F'dik il-kawża l-Qorti segwiet ukoll l-insenjament tal-Qrati tagħna fil-kawża Sixt Rosmarie vs. Sixt Jurgen deċiża mill-Qorti tal-Appell fl-14 ta' Frar 2000, fejn il-Qorti abbraċċjat il-prinċipju *ubi te invenio, ibi te convenio*.

Il-Qorti tirreferi wkoll għal dak stipulat dwar il-ħatra tal-kuratur u jekk din hijiex biżżejjed biex tikkostitwixxi l-preżenza li trid il-liġi ai fini ta' ġurisdizzjoni. Il-kawża, Angelo Cutajar & Sons Limited vs. Dr. Anthony Cremona noe.[10], trattat il-ġurizzdizzjoni tal-Qrati tagħna f'ambitu ta' kummerċ, u għalhekk ma titfax dawl fuq il-każ odjern, iżda dak stipulat f'dik il-kawża dwar il-ħatra tal-kuraturi huwa validu f'kull ċirkostanza, inkluż il-preżenti, u dana fejn intqal: *"hija tal-fehma li l-ħatra waħedha ta' Kuratur Deputat għal parti li ma tkunx tinsab f'Malta m'hijiex biżżejjed biex issejjes l-element ta' preżenza fil-ġurisdizzjoni, fejn tali preżenza hija meħtieġa, imma sservi biss biex tintegra l-ġudizzju fejn, minħabba ċirkostanzi oħrajn li bihom il-ġurisdizzjoni hija altrimenti stabilita, kawża titressaq quddiem Qorti Maltija. Li kieku kellha tingħata tifsira oħra, kien ikun ifisser li l-ħtieġa tal-liġi għall-preżenza tal-parti mħarrka f'Malta kienet tkun waħda sempliċement tejoretika, billi din setgħet*

---

[9] Deċiża fit-8 ta' Jannar 2003, Appell Ċivili 2670/1999/1

[10] Deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fis-16 t'Ottubru 2003, 2545/1998JRM

*tingħeleb kull darba billi wieħed jirrikorri għall-ħatra ta' Kuratur Deputat u b'hekk joħloq "il-preżenza";*

Il-Qrati tagħna f'dan is-suġġett jidhru illi tbiegħdu mill-insenjament tal-liġi Ingliża fil-materja. Bis-saħħa tad-Domicile and Matrimonial Proceedings Act 1973, il-Qrati Ingliżi għandhom il-ġurisdizzjoni li jisimgħu il-kawżi ta' divorzju, nullita` u separazzjoni għab-bażi sija tad-domiċilju u wkoll tar-residenza: *"The English courts have jurisdiction to entertain proceedings for divorce, nullity and judicial separation if either of the parties to the marriage is domiciled in England at the time when proceedings are begun. Jurisdiction is based on the domicile of either party whether petitioner or respondent (or in the case of nullity, even if neither) bearing in mind that one spouse can acquire a domicile separate from that of the other. Thus a husband domiciled abroad may petition for a divorce on the jurisdictional ground that the wife, the respondent, is domiciled in England, even though he never visited England."* Ukoll *"The English Courts have jurisdiction to hear petitions for divorce, nullity or judicial separation if either party, husband or wife, was habitually resident in England throughout the period of one year up to the date when the proceedings were begun."*[11] Dan kollu fl-Ingilterra ġie stabbilit bis-saħħa tal-istatut appena ċċitat, liema statut m'għandux parallel fil-liġi Maltija.

Applikati l-fatti tal-kawża odjerna għall-provvediment u l-ġjurisprudenza appena ċċitati, jwasslu lill-Qorti tikkonkludi illi l-assenza tal-konvenut minn dawn il-Gżejjer tirrendi lill-Qrati Maltin nieqsa mill-ġurisdizzjoni illi jisimgħu il-kawża.[12]

---

[11] North Peter ad Fawcett J.J, Cheshire and North's Private International Law, 13th Edition, Butterworths, p.764.

[12] Dan huwa wkoll l-insenjament ta' din il-Qorti kif diversament presjeduta fil-kawża AB vs. CD, (Rikors Ġuramentat 12/12RGM), deċiża fil-5 t'April 2016

Stabbilit illi l-kawża odjerna m'hiex ta' ġurisdizzjoni tal-Qrati Maltin, il-Qorti qed tiddikjara ruħha inkompetenti li tisma' l-kawża stante li m'għandhiex ġurisdizzjoni fuq il-konvenut.

**Deċide**

Għal dawn il-motivi, l-Qorti qiegħda tiċħad ir-rikors tal-attriċi u qegħda tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri ta' dan il-kawza stante n-nuqqas ta' ġurisdisdizzjoni tagħha biex titrattah.

Bl-ispejjeż kontra l-istess attriċi.